VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,450, 10 ta' Lulju, 2015
Taqsima B

A.L. 212 tal-2015

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw diversi regolamenti magħmula taħt l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2015 li jemendaw diversi regolamenti magħmula taħt l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta.

TAQSIMA I

Emenda tar-Regolamenti dwar Għajnuna għall-Investiment. L.S. 463.02.

2. Din it-taqsima temenda r-Regolamenti dwar Għajnuna għall-Investiment, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Għajnuna għall-Investiment, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Data tal-aħħar għal sottomissjoni ta' applikazzonijiet għal għajnuna taħt dawn ir-regolamenti.

7. Applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dawn ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2014.".

TAQSIMA II

Emenda tar-Regolamenti dwar Assistenza lil Intrapriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju. L.S. 463.03.

4. Din it-taqsima temenda r-Regolamenti dwar Assistenza lil Intrapriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Assistenza lil Intrapriżi Żgħar jew ta' Daqs Medju, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fit-tifsira "impriża kbira", "impriża ta' daqs medju", "impriża żgħira" u "impriża mikro", minflok il-kliem "ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat;" għandhom jidħlu l-kliem "ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88

VERŻJONI ELETTRONIKA

tat-Trattat:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej għat-tifsira sħiħa:

"Iżda mill-1 ta' Lulju 2014, it-tifsira ta' "impriża kbira", "impriża ta' daqs medju", "impriża żgħira" u "impriża mikro", għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha permezz tal-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).".

Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "50% tal-ispejjeż għall-akkwist tas-servizzi." għandhom jidħlu l-kliem "50% tal-ispejjeż għall-akkwist tas-servizzi:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2014.".

Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "25% tal-ispejjeż kwalifikanti inkorsi fis-sentejn ta' wara." għandhom jidħlu l-kliem "25% tal-ispejjeż kwalifikanti inkorsi fis-sentejn ta' wara:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

Jemenda regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

8. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "50% tal-ispejjeż għall-akkwist tas-servizzi." għandhom jidħlu l-kliem "50% tal-ispejjeż għall-akkwist tas-servizzi:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

Jemenda regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mal-ispiża operazzjonali tal-impriża bħal servizzi ta' konsulenza ta' rutina jew ta' reklamar." għandhom jidħlu l-kliem "mal-ispiża operazzjonali tal-impriża bħal servizzi ta' konsulenza ta' rutina jew ta' reklamar:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux

VERŻJONI ELETTRONIKA

aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2014.".

Jemenda regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fir-rigward tal-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew esibizzjoni partikolari." għandhom jidħlu l-kliem "fir-rigward tal-ewwel parteċipazzjoni ta' impriża f'fiera jew esibizzjoni partikolari:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2014.".

Jemenda regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

11. Fir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tal-ispiża kwalifikanti li għandhom x'jaqsmu ma' persunal jew servizzi oħrajn meħtieġa għat-tħejjija u s-sottomissjoni tal-proposta." għandhom jidħlu l-kliem "tal-ispiża kwalifikanti li għandhom x'jaqsmu ma' persunal jew servizzi oħrajn meħtieġa għat-tħejjija u s-sottomissjoni tal-proposta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu, 2013.".

Jemenda regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

12. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għall-mija u ħamsin fil-mija (150%) tal-ispiża kwalifikanti sa nefqa massima ta' għoxrin elf euro (€20,000)." għandhom jidħlu l-kliem "għall-mija u ħamsin fil-mija (150%) tal-ispiża kwalifikanti sa nefqa massima ta' għoxrin elf euro (€20,000):" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

Jemenda regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

13. Fir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "relatati mal-proġett tal-ICT u kummerċ elettroniku." għandhom jidħlu l-kliem "relatati mal-proġett tal-ICT u kummerċ elettroniku:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

Emenda tar-Regolamenti dwar Inċentivi Għas-Sostenn tal-Intrapriża. L.S. 463.04.

14. Din it-taqsima temenda r-Regolamenti dwar Inċentivi Għas-Sostenn tal-Intrapriża, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Inċentivi Għas-Sostenn tal-Intrapriża, hawnhekk iżjed ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

15. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fit-tifsira "impriża, minflok il-kliem "ħlief għall-iskopijiet tar-regolamenti 14 u 16" għandhom jidħlu l-kliem "ħlief għall-iskopijiet tar-regolament 16".

(b) fit-tifsira "t-Trattat" minflok il-kliem "fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-ħarġa tad-29 ta’ Diċembru 2006." għandhom jidħlu l-kliem "fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-ħarġa tad-29 ta’ Diċembru 2006:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda mis-26 ta’ Ottubru 2012, "it-Trattat" tfisser it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-ħarġa tas-26 ta’ Ottubru 2012.".

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

16. Fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "meta l-għajnuna tkun ser tingħata lil impriżi li jinsabu f’diffikultà." għandhom jidħlu l-kliem "meta l-għajnuna tkun ser tingħata lil impriżi li jinsabu f’diffikultà:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (2) huma applikabbli biss għall-impriżi li jikkwalifikaw għal għajnuna taħt dawn ir-regolamenti sal-31 ta’ Diċembru, 2013.".

Jemenda regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

17. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) huma applikabbli biss għall-impriżi li jikkwalifikaw għal għajnuna taħt dan is-subregolament sal-31 ta’ Jannar, 2013.".

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża li tkun qegħdha twettaq jew li jkollha l-ħsieb li twettaq attività li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, tkun teħtieġ għajnuna biex tiżviluppa l-kompetitività internazzjonali tal-impriża jew biex tipparteċipa f'fieri kummerċjali, missjonijiet kummerċjali u f'avvenimenti oħrajn bħal dawn, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi lil dik l-impriża għotja finanzjarja li ma tkunx teċċedi ħamsin fil-mija (50%) tal-ispiża li tkun għamlet dik l-impriża u skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linji gwida:

Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt is-subregolament (2) għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2017.".

Jemenda regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

18. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għotja finanzjarja li ma tkunx teċċedi l-limiti stabbiliti fir-regolament 17 u skont il-pattijiet u kundizzonijiet stabbiliti fil-Linji gwida." għandhom jidħlu l-kliem "għotja finanzjarja li ma tkunx teċċedi l-limiti stabbiliti fir-regolament 18 u skont il-pattijiet u kundizzonijiet stabbiliti fil-Linji gwida.".

Jemenda regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

19. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, 2014.".

(b) minnufih wara s-subregolament (1) kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li impriża tkun qegħdha twettaq jew ikollha l-ħsieb li twettaq attività li tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku ta' Malta, tkun teħtieġ l-assistenza ta' konsulenti f'qasam partikolari, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi lil dik l-impriża għotja finanzjarja li m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) fis-sena skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbilit fil-Linja

VERŻJONI ELETTRONIKA

gwida:

Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt is-subregolament (2) għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2017.".

Jemenda regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

20. Fir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "ħamsa u sittin fil-mija (65%) tal-ispejjeż eliġibbli li tkun għamlet dik l-impriża u skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linja gwida." għandhom jidħlu l-kliem "ħamsa u sittin fil-mija (65%) tal-ispejjeż eliġibbli li tkun għamlet dik l-impriża u skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linja gwida:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

Jemenda regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

21. Fir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż eliġibbli li tkun għamlet dik l-impriża u skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linja gwida." għandhom jidħlu l-kliem "sittin fil-mija (60%) tal-ispejjeż eliġibbli li tkun għamlet dik l-impriża u skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Linja gwida:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolament għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".

Iħassar ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

22. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

Jemenda regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

23. Fir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara s-subregolament (5) għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Applikazzjonijiet għal għajnuna taħt dan ir-regolamenti għandhom jaslu għand il-Korporazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru, 2013.".